Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 65/2016

**Perit David Anastasi f'ismu proprju kif ukoll f'isem Demicoli & Associates**

**Vs**

**Sarex Ltd (C-6098); Ivan u Jennifer konjugi Azzopardi**

16 ta' Ottubru, 2018.

1. Fit-22 ta' Marzu, 2016 l-atturi harrku lill-konvenuti ghall-hlas ta' disat elef erba' mija u erbgħin ewro (€9,440) dritt professjonali ghal servizzi li jghidu li tawhom.

2. Il-konvenuti wiegbu:

*"1. Fl-ewwel lok, in linea preliminari ma hemm assolutament ebda relazzjoni guridika bejn l-attur pro et noe u l-kumpannija Sarex Ltd, liema kumpannija ghalhekk ghandha tigi mehlusa immedjatament mill-osservanza ta' din il-gudizzju.*

*2.Fit-tieni lok, fil-mertu, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti ma ghandhom ihallsu xejn lill-attur pro et noe stante n-nuqqas ta' konformita' tas-servizzi pprestati mal-istruzzjonijiet moghtija mill-istess konvenuti.*

*3.Fit-tielet lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat huwa ghal kollox eccessiv, partikolarment, izda mhux limitatament, kunsidrata n-natura ezigwa tas-servizzi rezi.*

*4.Fir-raba' lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-attrici jibqghu infondati fil-fatt u fid-dritt".*

3. B'sentenza tal-10 ta' April, 2018 il-qorti ddecidiet li l-attur ma kienx ta prova tal-interess guridiku u lanqas ma pprova li kellu l-mandat sabiex jirraprezenta l-ufficcju Demicoli & Associates u, *"…. Ghalhekk qieghda tichad it-talba attrici b'dan li filwaqt li qieghda tillibera lis-socjeta konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju, qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet sollevati mill-istess konvenuti".*

4. Fit-30 ta' April, 2018 l-atturi appellaw mis-sentenza. L-aggravji huma:

i. Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni, l-ewwel qorti naqset milli tikkunsidra li meta l-konvenut talab lill-attur sabiex johroglu l-kont fuq Sarex Limited, ma kien hemm l-ebda limitazzjoni esplicita li dan kellu japplika biss ghall-kont tas-*survey*.

ii. Dwar l-eccezzjoni ta' interess guridiku, din inghatat fl-istadju tan-noti ta' sottomissjonijiet. Ghalhekk jekk il-konvenuti riedu jaghtu eccezzjoni bhal dik, kellhom jitolbu l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex jipprezentaw eccezzjoni ulterjuri.

iii. L-eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku ma kinitx fondata, peress li bejn l-attur u d-ditta DeMicoli & Associates hemm *fee-sharing agreement*, u fit-tieni lok il-prova skritta tal-mandat ma saritx ghaliex il-punt qam wara l-eghluq tal-provi.

5. Il-konvenuti pprezentaw twegiba u taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

6. Fl-ewwel lok il-qorti qeghda tordna l-isfilz tad-dokumenti li l-atturi pprezentaw mar-rikors tal-appell. Dawk id-dokumenti gew prezentati bhala provi sabiex jirribattu l-konklużjoni tal-ewwel qorti li l-attur Anastasi m'għandux interess guridiku. F'dan il-każ irid jiġi fl-ewwel lok determinat jekk l-ewwel qorti għamlitx sew li tiddeċiedi b'dak il-mod, meta tqies iċ-ċirkostanzi li ser jissemmew iktar l-isfel.

7. Dwar l-ewwel aggravju, hu minnu li f'dik il-parti tas-sentenza fejn hemm il-motivazzjoni, il-qorti qalet:

*"Illi f'dan il-kaz ma jirrizultax, li s-socjeta konvenuta Sarex Limited kellha x'taqsam mal-attur de proprio. L-attur fl-ebda hin ma jsemmi r-relazzjoni li kellu maghha u lanqas Caroline Webb l-interior designer li hadmet fuq il-progett flimkien mal-perit ma tghid li taf b'din is-socjeta konvenuta. Inoltre l-konvenuti lanqas ma stqarru li s-socjeta taghhom kellha x'taqsam mal-attur jew li f'xi hin infurmaw lill-attur de proprio li kienu qed jagixxu ghan-nom tas-socjeta attrici"*.

Madankollu mill-parti dispozittiva tas-sentenza hu evidenti li ma nghatat l-ebda decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti. Tant hu hekk li l-qorti

qalet li *"qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet sollevati mill-istess konvenuti"*. Ghalhekk dan l-aggravju hu michud.

8. Mill-atti hu evidenti li fil-kors tas-smiegh tal-kawza ma nghatat l-ebda eccezzjoni li l-perit Anastasi:

   i. m'ghandux interess guridiku;
   ii. m'huwiex il-mandatarju tad-ditta DeMicoli & Associates jew li ghandu jaghti prova tal-mandat.

9. Hu minnu li fir-raba' eccezzjoni l-konvenuti qalu li, *"it-talbiet attrici jibqghu infondati fil-fatt u fid-dritt"*. Pero' eccezzjoni bhal dik ma jistax jinghad li tkopri l-eccezzjonijiet li jissemmew f'paragrafu 7 tas-sentenza. Dik l-eccezzjoni ma tistax titqies li tkopri kull tip ta' eccezzjoni li konvenut jista' jaghti. Hi eccezzjoni li ma tpoggix lill-attur f'posizzjoni li jkun jaf x'inhi d-difiza preciza tal-konvenut u ghalhekk meta l-ewwel qorti tara eccezzjoni bhal dik ghandha minnufih tordna lill-konvenut sabiex jiddikjara b'mod car xi jrid ifisser biha.

10. Hu minnu li wara li l-konvenuti ipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet (4 ta' Dicembru, 2017), saru erba' seduti ohra li fihom l-atturi qatt ma rreferew ghal dak li argumentaw il-konvenuti f'paragrafu tlieta tan-nota. Sahansitra, fil-21 ta' Marzu, 2018 xehed l-avukat Stephen Farrugia Sacco. Madankollu, jibqa' l-fatt li l-konvenut ma pprezentaw eccezzjoni li l-perit Anastasi m'ghandux interess guridiku u lanqas il-qorti ma qajmet l-eccezzjoni *ex officio* waqt xi wahda mill-imsemmija seduti jew f'digriet *in camera* li gie kkomunikat lid-difensur tal-atturi.

11. Il-qorti zzid li t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti hi fil-meritu u fiha qalu li ma kienx dovut hlas lill-atturi, *"... stante n-nuqqas ta' konformita' tas-servizzi pprestati mal-istruzzjonijiet moghtija mill-istess konvenuti"*. Eccezzjoni li anzi taghti x'tifhem lill-qorti li mhemmx kwistjoni li tezisti relazzjoni guridika mal-atturi. Kien ghalhekk iktar importanti li jekk il-konvenuti riedu jressqu difiza li

tmur lil hinn minn dak li ddikjaraw fl-eccezzjonijiet, jipprezentaw twegiba ulterjuri.

12. Hu fatt li eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku tista' tinghata f'kull stadju tal-proceduri.[1] Madankollu eccezzjonijiet m'ghandhomx jinghataw f'noti ta' sottomissjonijiet. F'paragrafu tlieta tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti intqal:

*"Gie kkonfermat mill-Perit David Anastasi stess fix-xhieda tieghu tat-3 ta' Lulju 2017 illi 'l-ammont mitlub minni effettivament huwa dovut lil Demicoli and Associates u mhux lili personalment'. Jibqa' l-fatt illi Perit Anastasi, minkejja li fl-istess seduta stqarr li gie awtorizzat bil-miktub minn Demicoli & Associates jintenta dawn il-proceduri, naqas ghal kollox milli jipprezenta mqar dokument wiehed li juri tali awtorizazzjoni".*

13. Eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku tista' wkoll tigi sollevata mill-qorti *ex officio*, izda l-qorti ghandha taghti l-opportunita' lill-partijiet iressqu l-provi u jaghmlu sottomissjonijiet dwarha (artikolu 732A tal-Kap. 12). Hu veru li l-attur xehed (fol. 41):

*"Nikkonferma illi l-ammont mitlub minni effettivament huwa dovut lil Demicoli and Associates **u mhux lili personalment**".*

Wiehed jista' jargumenta li hu difficli li jimmagina kif il-perit Anastasi ser jikkonvinci lill-qorti li ghandu interess guridiku meta hu stess iddikjara li l-hlas m'huwiex dovut lilu personalment. Pero' m'huwiex il-kompitu ta' din il-qorti li toqghod tispekula. Ir-realta' tibqa' li ma gietx segwita l-procedura u dan bi pregudizzju ghall-attur.

14. F'kull kaz fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-perit Anastasi ghandux mandat biex jidher ghan-nom ta' DeMicoli & Associates, l-istess perit xehed in subizzjoni (fol. 41):

*"However **I have been authorised by the director of Demicoli and Associates to ensue these proceedings** and I have been authorised to do so in writing".*

[1] Ara per ezemju sentenza **Saliba vs Neptune's Bar and Restaurant Company Limited**, Qorti tal-Appell (Superjuri) tat-8 ta' Jannar, 2010 u Mazzonello vs Angcar Company Limited et, Prim'Awla tat-30 ta' Novembru, 2005.

Il-konvenuti ma talbuhx jissostanzja dak li qal billi jipprezenta d-dokument li bih kien inkarigat biex jipprocedi kontra l-konvenuti. Lanqas per ezempju ma gie verbalizzat li jridu li l-attur jaghti prova li ghandu mandat bil-miktub. Kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet li argumentaw li l-attur kellu jipprezenta d-dokument li bih inghata l-mandat biex jipprocedi b'kawza ghan-nom tad-ditta attrici. Apparti l-fatt li hu maghruf li mandat mhemmx ghalfejn ikun bil-miktub, fil-kors tal-proceduri ma nghatat l-ebda eccezzjoni tat-tip li tissemma f'paragrafu 7(ii) ta' din is-sentenza. Jidher ukoll mis-sentenza li l-ewwel qorti lanqas ma kkunsidrat jekk eccezzjoni bhal dik hijiex dilatorja.

15. Fic-cirkostanzi l-atturi ghandhom ragun jilmentaw mis-sentenza. In-nuqqasijiet li hemm fis-sentenza jwasslu ghan-nullita tas-sentenza ghaliex jippregudikaw il-jedd ta' smigh xieraq li kull parti ghandha jedd ghalih.

**Ghal dawn il-motivi filwaqt li tichad l-ewwel aggravju, tilqa' l-kumplament tal-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li nghad hawn fuq u thassar is-sentenza tal-10 ta' April, 2018 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u tibghat l-atti lura quddiem l-ewwel qorti sabiex tissokta bis-smiegh tal-kawza. Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-konvenuti.**

**Ir-Registratur ghandu minnufih jiehu hsieb jibghat l-atti lura lill-ewwel qorti.**

Anthony Ellul.